**Qed iberraq**

Tinħass it-toqla ġejja
Malajr jinġema' l-inkwiet,
Il-ħbula tal-mewt kiefra
Iħufu lkoll max-xtajtiet.

Jinstema' l-krib imbiegħed
Ta' min ħajtu kollha mwieġ,
"Kif Mulej, din bgħatthieli?
Nista' ngħix darba fil-kwiet?"

U titla' t-talba siekta
Titmewweġ ma' kull mewġa,
Li taf tagħti din artna
Tħaddinitha hi fewġa.

U waqt li qed iberraq
It-tkarwit tas-sajjetti,
Ġej fuqna biex jgħattina
l-artna jġibha spaghetti.

Ħaġa ntbaħt f'din id-dalma
Li f'kollox jinsab id-dawl,
"Qum minn hemm int li mejjet"
Iħeġġiġna Pawlu Pawl.

Ħallieh ħa jberraq ħija
Int ħares biss fiss f'għajnejh,
Intelaq fi ħdanu, strieħ
Imħares sewwa f'idejh.

La tibżax, miegħu mserraħ
B'fommu 'l qalbek iwettaq,
Intelaq ja qalbieni
Afdah, ħallieh iberraq.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Lulju 2024

Iberrikkom Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.